MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 409/2007/1

**Jocar Limited**

**vs**

**A. P. S. Bank Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Dicembru, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:
>
> Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta attrici fejn l-istess socjeta talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex tersaq ghall-hlas tas-somma ta' elfejn lira Maltin (LM2,000) dovuti minnha lir-rikorrenti, u li hija qieghda tirrifjuta li thallas, liema somma giet mghoddija lilha mill-

awtoritajiet responsabbli ghall-Agrikoltura bi struzzjonijiet specifici sabiex jinghaddew lir-rikorrenti taht l-iskema ta' sussidju ghal bini ta' serer, liema skema hija mhaddma mill-istess awtoritajiet, tramite s-servizzi bankarji taghha, kif ser jirrizulta ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha, nkluz tal-ittra ufficcjali datata sebgha (7) ta' Settembru 2007, kollox kontra s-socjeta intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta fejn esponiet is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament t-talba tas-socjeta attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta w ghaldaqstant ghandha tigi michuda.

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-imsemmi pagament t'elfejn lira (LM2,000) effettivament gie imhallas mis-socjeta APS Bank Limited favur Jo-Ann Associates u dan skond l-istruzzjonijiet bil-miktub moghtija lilha mill-istess socjeta attrici Jocar Limited permezz ta' dikjarazzjoni datata hmistax (15) ta' Frar 2000 (Dok. APS1). Ghaldaqstant it-talba attrici hija nfondata w ghandha tigi michuda.

3. Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta Jocar Limited huma nfondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit ta' **Louise Spiteri** pprezentat fl-atti permezz ta' nota datata tnejn w ghoxrin (22) ta' Mejju 2008 immarkata bhala Dok. APS, fejn jirrizulta li hija stqarret li hija tokkupa l-posizzjoni ta' Manager fir-Recoveries Section tas-socjeta APS Bank Limited u minn ezami tal-*file* relattiv ghal kaz, jirrizultalha li fis-sena 1998 s-socjeta konvenuta kienet tat *sponsorship* fis-somma ta'

elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin euro centesmi (Euro 2329.37) ekwivalenti ghal (LM1,000) fis-sena ghal hames snin lil Ministeru tal-Agrikoltura u Sajd sabiex jibni serra fin-Nurseries ta’ Wied Incinta f’H’Attard. Din is-serra effettivament inbniet mis-socjeta attrici. Il-Bank kellu istruzzjonijiet mill-imsemmi Ministeru, sabiex dan l-i*sponsorship* jithallas direttament lill-imsemmija socjeta attrici. Tispjega illi l-Bank hallas l-ewwel pagament t’elf lira Maltin lis-socjeta attrici fit-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Novembru 1999.

Illi sussegwentement, fl-ghaxra (10) ta’ Jannar 2000, il-Bank ta facilita bankarja lil Joseph Camilleri u Angelo u Maria Giambra ezercenti negozju bl-isem Jo An Associates, fejn fost affarijiet ohra, bhala sigurta ghall-imsemmija facilita moghtija il-Bank ircieva ‘letter of undertaking’ datat hmistax (15) ta’ Frar 2000 bil-*letter head* tas-socjeta attrici w iffirmata minn Joseph Camilleri u Angelo u Maria Giambra ezercenti negozju bl-isem Jo An Associates. Illi ghalhekk in segwitu ta’ dan, l-APS Bank Ltd iddepozitat zewg pagamenti t’elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u erbgha w tletin euro centezmi (Euro2329.37) il-wiehed, ekwivalenti ghal elf lira Maltin (LM1,000) dovuti lis-socjeta attrici fit-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Settembru 2000 u tat-tlettax (13) ta’ Marzu 2001 rispettivament; total ta’ elfejn lira Maltija (LM2,000) direttament fl-*overdraft account* ta’ Joseph Camilleri u Angelo u Maria Giambra ezercenti negozju bl-isem Jo An Associates. Hija spjegat ulterjorment li Joseph Camilleri *snr* huwa il-missier ta’ Joseph Camilleri *jnr* li lilu giet koncessa l-imsemmija facilita bankarja flimkien ma Angelo u Maria Giambra.

Ix-xhud tkompli tispjega illi wara li saru l-pagamenti fuq imsemmija fit-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Settembru 2000 u fit-tlettax (13) ta’ Marzu 2001 precizament fis-sitta (6) ta’ Novembru 2001, is-Sur Camilleri *snr*, ghan-nom ta’ Jocar Limited,

ikkuntattja lil Bank sabiex jilmenta li huwa ma kienx ghadu ircieva l-pagamenti tal-i*sponsorship* riferenti ghas-snin 2000 u 2001. Il-Bank immedjatament informa lis-Sur Camilleri li l-istess Bank kien hallas l-imsemmija pagamenti direttament lil *overdraft* ta' Joseph Camilleri u Angelo u Maira Giambra, ezercenti fin-negozju bl-isem Jo An Associates ai termini tal-istruzzjonijiet moghtija lill-istess Bank permezz ta' *Letter of Undertaking* tal-hmistax (15) ta' Frar 2000 (Dok. APS 1).

Illi sussegentment kienu saru diversi diskussjonijiet bejn il-Bank u l-istess Joseph Camilleri *Snr* ghan-nom ta' Jocar Limited, u l-partijiet kienu qablu li l-ahhar zewg pagamenti mill-hamsa dovuta riferenti ghas-snin 2002 u 2003, ghandhom jithallsu lis-socjeta Jocar Limited. Fil-fatt is-socjeta Jocar Limited kienet interpellat lil Bank permezz ta' ittra datata hamsa (5) t'Awwissu 2005 (Dok. APS 2) ghall-ammont ta' erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin euro centesmi (Euro 4,658.75) ekwivalenti ghal LM2,000, f'liema ittra l-imsemmi ammont reklamat huwa deskritt bhala *outstanding balance due on glass house acquired by your bank.* Illi in segwitu, l-Bank hallas lis-socjeta Jocar Limited l-imsemmi ammont t'erbat elef sitt mija tmienja u hamsin euro u sebgha u hamsin euro centesmu fl-erbgha w ghoxrin (24) ta' Novembru 2005. B'hekk il-Bank kien hallas il-hames pagamenti t' elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin euro centesmu kif miftiehem.

Hija tkompli tghid u tispjega f'aktar dettal li s-socjeta attrici qatt ma kienet ilmentat mal-Bank li ma kienitx irceviet il-pagamenti tas-snin 2000 u 2001 qabel l-hamsa (5) t'Awwissu 2005 (Dok. APS 2 fol. 16) u kien biss meta l-Bank fetah kawza kontra Joseph Camilleri u Maria u Angelo Giambra sabiex jithallas il-bilanc dovut lilu fuq il-facilita bankarja moghtija lilhom, li s-socjeta attrici

bdiet titlobha sabiex thallasha is-somma t'elfejn lira Maltin  (LM2,000) riferenti ghs-snin 2000 u 2001 li kienu thalsu kif spjegat aktar 'l fuq lil Joseph Camilleri u lil Angelo u Maria Giambra fil-kont *overdraft* taghhom u hu ghalhekk li l-Bank illum m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici.

In kontr'esami x-xhud qalet li l-i*sponsorship* kien jifforma parti minn *agreement* li kien hemm bejn il-Bank konvenut u d-Dipartiment tal-Agrikoltura u Sajd.  Ikkonfermat li l-valur kollu ta' dan il-kuntratt li kien intrebah mis-socjeta attrici, kien jammonta ghas-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000). Ikkonfermat, kif gie suggerit lilha mill-avukat tar-rikorrenti, li l-Bank hallas is-somma ta' LM3,000 direttament lis-socjeta konvenuta, filwaqt li l-Bank hallas is-somma ta' LM2,000 li giet addebitata fil-*overdraft facility* ta' Jo An Associates.

**Joseph Camilleri**, Direttur tas-socjeta attrici xehed nhar it-tmintax (18) ta' Gunju 2008 fejn spjega kif s-socjeta rikorrenti kienet rebhet it-*tender* sabiex tibni serra u tinghata mid-Dipartiment tal-Agrikoltura is-somma ta' Lm5,000 tramite il-Bank APS.  Jghid illi huwa kien kiteb lil-Bank u kien infurmhom li ma kienx ircieva zewg pagamenti annwali minghandhom ghas-snin 2000 u 2001 u gie mgharraf minnhom, li effettivament, huma kienu nghataw struzzjonijiet sabiex ihallsu il-pagamenti lis-socjeta Jo An Associates, kif del resto ghamlu.  Huwa jghid li dwar dan, ma kien jaf xejn w ghalhekk kien mar jitkellem ma xi rapprezentanti tal-Bank w hemmhekk gie muri *letter head* b'dawn l-istess struzzjonijiet li kien gie infurmat bihom.  Qal li l-firma fuq l-ittra li giet mibghuta lil Bank, kellha il-firma t'ibnu li ghandu tlieta e tletin sena u ibnu fil-fatt ma cahadx li kien kiteb din l-istess ittra.   Mistoqsi jekk kienx ha xi passi kontra it-tifel ghal dak li kien ghamel, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Illi nhar l-erbatax (14) t'Ottubru ix-xhud **Joseph Camilleri rega' xehed** w esebixxa t-*tender* li kien gie moghti lilhom. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. JC. Esebixxa wkoll *press release* li hareg mid-Dipartiment tal-Ghammieri li giet immarkata bhala Dok. JC 1 u kopja ta' ittra ufficcjali datata sebgha (7) ta' Settembru 2007 li giet immarkata bhala Dok. JC 2.

Ikkunsidrat:-

Illi is-socjeta konvenuta eccepiet bhala eccezzjoni preliminari, l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kap 16 w ghalhekk, f'dan l-istadju ghandu jigi deciz jekk din il-preskrizzjoni ta' hames snin, tapplikax ghal kaz in esami jew le.

Is-**sub inciz (f) tal-artikolu 2156** jipprovdi s-segwenti:-

"*L-azzjoni ghal hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn oprazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra meta l-kreditu ma jkunx jaqa skond dina l-ligi jew ligijiet ohra, tal-preskrizzjoni oqsra jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku*."

Illi skond is-sentenza fl-ismijiet **<u>Paola Calleja vs Luigi Vella</u>** deciza nhar il-hmistax (15) ta' Gunju 1966 mill-Qorti tal-Appelli Kumercjali gie rilevat li:-

*"Illi meta jigi eccepit l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali, jmiss lil konvenut li jipprova li l-hames snin kienu ghalqu. Jekk dan jigi ppruvat, kien imiss imbaghad lill-attur li jipprova illi l-kaz tal-preskrizzjoni kien gie validament interott*."

Is-socjeta konvenuta, tramite ix-xhud taghha Louise Spiteri, ppruvat li l-Bank kien ghamel zewg pagamenti ta' elf lira Maltija il-wiehed nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Settembru 2000 u nhar it-tlettax (13) ta' Marzu 2001 lil Jo An Associates

fuq struzzjonijiet li gew mghotija lilha. Illi dan il-fatt mhuwiex kontestat.

Illi kien biss fis-sebgha (7) ta' Settembru 2007, li s-socjeta attrici kienet qed titlob lis-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' elfejn lira Maltin, dovuti lilha ghas-snin 2000 u 2001 u li effettivament kien gew mghoddija lil Jo An Associates b'mod erroneju.

Ghalhekk ma hemmx dubbju, li t-talba ufficcjali tas-socjeta attrici saret wara l-perjodu preskrittiv ta' hames snin. Dwar dawn id-dati ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, li l-att gudizzjarju gie prezentat wara l-perjodu ta' hames snin minn meta kien dovut.

Illi s-socjeta attrici ma resqet l-ebda prova sabiex tikkonvinci lil Qorti li dan il-perjodu ta' hames snin kien b'xi mod interott.

Ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin, kif kontemplata fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 ghandha tigi milqugha, stante li giet ippruvata w in vista tal-istess, ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm bzonn li tkompi bis-smiegh tal-provi.

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tilqa l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta, qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra u tichad it-talba tas-socjeta attrici.

L-ispejjes ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta attrici."

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza ghaliex issostni illi l-akkoljiment mill-ewwel Qorti tal-preskrizzjoni

eccepita kienet bazata fuq konsiderazzjonijiet zbaljati ta’ fatt u ta’ dritt. Hi tissottometti illi l-Qorti kkonsidrat dik il-preskrizzjoni flimkien mal-mertu, li ma giex mill-Bank konvenut lanqas ipprovat il-pagament li jghid li ghamel lil terzi fuq struzzjonijiet taghha, u li, f’kull kaz, l-ahhar hlas effettwat mill-Bank fl-24 ta’ Novembru, 2005 kellu jitqies akkont u, allura, interruttiv tal-preskrizzjoni;

Il-Bank appellat oppona ghat-talba attrici l-preskizzjoni kwinkwennali a norma ta’ l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. Dan il-provvediment jestingwi dawk “l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’ skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku”. Jinghad mill-Qorti tal-Kummerc illi “*con quella disposizione la legge ha inteso colpire le azioni tendenti a reclamare ogni credito, qualunque ne fosse la causa*” (“**Francesco Spiteri -vs- Eustachio Petrococchino**”, 9 ta’ Jannar, 1919);

Dan premess, jigi qabel xejn osservat illi flimkien ma’ din l-eccezzjoni l-Bank konvenut eccepixxa wkoll il-pagament. L-ewwel Qorti semghet il-provi fil-mertu u mhux dawk biss in riferenza ghall-preskrizzjoni jew ghall-interruzzjoni taghha. Il-Qorti setghet taghmel dan ghaliex dawk il-provi kienu jinfluwixxu fuq l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni sostenuta mis-socjeta` attrici;

Issa ma jistax ikun dubitat illi l-karattru dispositiv tal-preskrizzjoni jgib ghal parti li tipproponiha l-oneru li tippreciza t-tip tal-preskrizzjoni skond xi wahda mill-ipotesijiet varji li ssemmi l-ligi (Artikolu 2111, Kapitolu 16), kif fil-fatt sar, u, fuq kollox, li ghax-xorta tal-preskrizzjoni maghzula, li tipprova d-dekors taz-zmien minn meta bdiet tghaddi l-preskrizzjoni;

L-atti juru illi s-socjeta` attrici rebhet *tender* tal-Gvern ghal bini ta’ serer (ara dokument datat 7 ta’ Ottubru, 1997 a fol. 26). Il-valur relattiv ta’ hamest elef lira (Lm5000) kellu jithallas permezz tal-Bank konvenut b’pagamenti annwali ta’ elf lira (Lm1000). L-ewwel pagament sar fit-22 ta’ Novembru, 1999. Hu sottomess mix-xhud Louise Spiteri, rapprezentanti tal-Bank, illi in bazi ghal-*letter of undertaking* datata 15 ta’ Frar, 2000 (fol. 8) il-Bank ghadda biex jiskonta bil-hlasijiet dovuti ghas-snin 2000 u 2001 l-*overdraft facility* ta’ “Jo-An Associates”. Dejjem skond din l-istess xhud kien fis-6 ta’ Novembru 2001 illi Joseph Camilleri, rapprezentant tas-socjeta` attrici, ilmenta li l-kumpanija ma kienetx irceviet il-hlasijiet dovuti. Kif ikkonfermat minn dan ir-rapprezentant jirrizulta li sar inkontru mal-Bank u gie spjegat lilu x’kien gara. Huwa, pero`, jinnega li l-firma fuq il-*letterhead* tal-kumpanija b’dik id-data tal-15 ta’ Frar, 2000 kienet tieghu u li din kienet ta’ ibnu li inzerta jismu Joseph Camilleri. Sussegwenti ghal dak l-inkontru jirrizulta ulterjorment mill-atti illi permezz tal-konsulenti fiskali taghha l-kumpanija attrici b’ittra tal-5 ta’ Awissu, 2005 (fol. 16), kitbet lill-Bank biex tghidlu jhallas “*the outstanding balances due of Lm2000*”. Dan il-hlas effettivament sar fl-24 ta’ Novembru, 2005. In segwitu ghal dan is-socjeta` attrici b’ittra ufficcjali tas-7 ta’ Settembru, 2007 (fol. 30) interpellat lill-Bank konvenut ghal pagament ta’ elfejn lira (Lm2000);

Dak li jemergi fic-cert minn dawn il-fatti huwa bejn wiehed u iehor is-segwenti:-

(1) Meta l-Bank konvenut applika l-hlas ta’ l-iskadenzi tas-snin 2000 u 2001 kontra l-*overdraft facility* tat-terz, dan ghamlu in ottemperanza tad-delega lilu konferita bil-*letter of undertaking* li awtorizzatu jaghmel dan;

(2) Inekwivokabilment, ukoll, meta l-Bank hallas lis-socjeta` attrici fl-24 ta’ Novembru, 2005 dan ghamlu b’dik ix-xjenza fih illi dak il-pagament ta’ Lm2000 kien jirrapprezenta l-hlas ghas-saldu tal-“*outstanding balance*

*of Lm2000*", kif rikjest mill-kumpanija bl-ittra tal-5 ta' Awissu, 2005;

(3) Sa mill-2001 is-socjeta` attrici kienet konsapevoli minn dak li nghad taht punt (1) u, intant, la hadet proceduri kontra Joseph Camilleri Jnr ghall-irregolarita minnu kommessa meta ffirma l-*letter of undertaking* fuq *letterhead* tal-kumpanija meta lanqas biss kien direttur taghha, u lanqas irrizervat b'xi att gudizzjarju l-jeddijiet taghha kontra l-Bank konvenut;

(4) Anzi, jkollu jinghad, fuq il-fehma tal-Qorti tal-provi akkwiziti, illi meta f'Awissu 2005 il-kumpanija kitbet lil Bank ghall-hlas tal-"*outstanding balance*" tas-somma specifika ta' Lm2000, l-indikazzjoni hi li hi, anke jekk mhux espressament, kienet tacitament accettat dak li sar mill-Bank in forza tal-*letter of undertaking*, jew, almenu, ma nsistietx ghal hlas lilha tas-somma dovuta ghas-snin partikolari 2000 u 2001 . Dan qed jinghad ghaliex wiehed ikollu bilfors jipprezumi illi, kieku, il-kumpanija appellanti kienet tippretendi, fis-sena 2005, il-pagament ta' erbat elef lira (Lm4000) ghas-snin bejn is-sena 2000 u s-sena 2003 (inkluza), u mhux, limitatament, l-ammont bilancjali ta' elfejn lira (Lm2000);

Premess dan, ghar-rigward tal-kreditu pretiz u dik tal-preskrizzjoni abbinata mieghu, hi ligi illi dritt ta' azzjoni tiddekorri mil-mument li fih id-dritt ta' azzjoni seta' jigi ezercitat (Artikolu 2137, Kodici Civili). Meta, allura, kif inhu l-kaz hawnhekk, il-pagament ikun gie pattwit bi skadenzi perjodici, il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni tghaddi mid-data ta' kull wahda minn dawn l-iskadenzi. Huwa veru illi sew bl-ittra ufficcjali kif ukoll bir-rikors promotur il-kumpanija talbet b'mod generiku l-hlas ta' Lm2000 izda b'daqshekk ma jfisserx li dik il-pretensjoni taghha ma kellhiex rabta mas-snin 2000 u 2001 una volta l-ilment centrali taghha kien proprju korrelatat ma' dawn is-snin. Ara deposizzjoni tar-rapprezentanti Joseph Camilleri a fol. 20 tal-process;

Ghall-indagini ta' l-allegata interruzzjoni jibda biex jinghad illi l-interruzzjoni timplika l-paralizzar tal-preskrizzjoni opposta, u tali cirkostanza ma tistax hlief tirrizulta minn xi wiehed mid-disposizzjonijiet espressament ikkontemplati fil-Kodici Civili (Artikoli 2128 sa 2135). Il-prova ta' l-interruzzjoni ghandu jaghmilha l-attur li kontra tieghu tigi eccepita l-preskrizzjoni (ara "**Carmelo Micallef -vs- Brigadier John Belle Mc Lance *nomine***", Appell Civili, 30 ta' Mejju, 1952). L-atti, pero`, hawnhekk ma jsostnux din il-prova. Minn ebda xhieda jew dokument ma tirrizulta r-rikonjizzjoni interruttiva tal-preskrizzjoni pretiza mis-socjeta` appellanti. Ghal Bank konvenut l-pagament maghmul fl-24 ta' Novembru, 2005 ma kienx wiehed parzjali izda ghas-saldu tal-bilanc, kif del resto mitlub mis-socjeta` appellanti. Kien hlas ta' somma bilancjali pjenament sodisfatorja tal-pretiza tal-kreditu. Jikkonsegwi illi lil dan l-istess hlas ma setax jigi attribwit l-ebda effett interruttiv fit-termini ta' l-Artikolu 2134 tal-Kodici Civili. L-apprezzament tal-mertu tal-provi ma jwasslx ghal dan. Pjuttost il-kontra hu l-kaz, u cjoe, li b'dak il-hlas, il-Bank konvenut kien qieghed jissalda l-obbligazzjonijiet tieghu u mhux ukoll li jaghraf il-jedd tas-socjeta` attrici ghal xi hlas ulterjuri.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------